**Laqgħa mhux uffiċjali li saret fis-Sala tal-Kommunita' nhar is-16 ta' Marzu 2016 fil-5.00pm**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Victor Cefai |
| Kunsilliera: | Is-Sur Mario Mercieca |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| | Is-Sur Carmel Farrugia |
| Skrivan: | Is-Sur Christopher Buhagiar |

1. **QARI TA' EMEJLS**

Sar il-qari tal-emejls fejn is-Sur Buhagiar tħalla jieħu n-noti waqt din il-laqgħa (li mhix uffiċjali). Inqrat ukoll l-emejl tar-rizenja uffiċjali tas-Sna Odette Camilleri mill-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv, li hija mill-15 ta' Marzu 2016. Inqrat ukoll l-emejl mid-Direttur tad-DLG bil-proposta ta' Aġent Segretarju Ezekuttiv, Joseph Azzopardi, Officer in Scale 7.

2. **AZZJONI**

Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu li ssir telefonata lis-Sna Camilleri minħabba l-kuntratt li għandu magħha l-kunsill, peress li meta mistoqsi mis-Sindku biex jiġi pprezentat għal-laqgħa, l-iskrivan informa lill-kunsill li qiegħed għand is-Sna Camilleri flimkien mal-*box file*. Is-Sindku qal li meta talab li jingħata kopja tiegħu fil-laqgħa b'urġenza tal-4 ta' Marzu, ġie nfurmat mis-Segretarju Ezekuttiv li dak ma jistax joħroġ mill-kunsill. Is-Sindku qal li dawn kienu jistgħu jinqaflu fil-kexxun tal-iskrivanija li għandha aċċess hi biss għalih. Ġie deċiz ukoll li jistaqsi minħabba ċ-ċwievet tal-Kunsill, li sa jum il-laqgħha kienu għadhom fil-possessjoni tagħha. Is-Sna Camilleri qalet li l-kuntratt ħaditu d-dar għax ma riditx li l-imsemmi kuntratt joħroġ mill-uffiċju tal-Kunsill. Kif ukoll qalet li l-'*handover*' taċ-ċweivet se jsir meta' jiddaħħal Aġent Segretarju Ezekuttiv. It-telefonata imbagħad intemmet.

3. **KORRISPONDENZA**

Is-Sindku ppropona li tinbidel is-serratura tal-Kunsill. Dan għaliex billi is-Sna Camilleri m'għadhiex taħdem il-Kunsill, mhux siewi li jkollha ċ-ċwievet tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu umanimament. Is-Sindku ppropona li aħjar jiġi nfurmat b'din is-sitwazzjoni d-Direttur tal-Gvern Lokali u naraw x'jgħid. Is-Sur Micallef imbagħad saqsa hux possibli li s-Sur Buhagiar ikollu aċċess għall-emejl uffiċjali tal-Kunsill. Dan għaliex biex il-Kunsill jirrispondi għall-proposta mid-DLG għal Aġent Seg. Ezekuttiv, l-emejl trid toħroġ mill-*account* uffiċjali tal-Kunsill. Is-Sur Buhagiar ħareġ mis-Sala sabiex iċempel lis-Sna Camilleri fuq din il-kwistjoni tal-emejl. Meta daħal informa lis-Sindku u lill-kunsilliera li d-dettalji tal-emejl ser jiġu mogħtija lill-Aġent Seg Ezekuttiv meta jibda' xogħlu, u qalet li jekk il-kunsill jagħmel it-toroq li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali ser tirraportahom. Ir-risposta tal-kunsilliera kienet li l-iskrivani li kienu mpjegati fuq skema mal-Kunsill fil-passat kellhom aċċess għall-emejl tal-Kunsill. B'hekk ħarġet il-mistoqsija ta' kif is-Sur Buhagiar li huwa impjegat *full-time* mal-kunsill m'għandux ikollu aċċess għall-emejl.

Is-Sindku imbagħad staqsa lill-kunsilliera fuq l-Aġent Seg. Ezekuttiv u l-ammont ta' siegħat li ser jaħdem waqt it-tul tal-ħidma tiegħu mal-Kunsill. Saqsa wkoll kif ser tinħadem il-paga tiegħu. Is-Sur Mercieca qal li billi ser ikun fuq bazi *part-time* u diġa għandu xogħol *full-time*, dan mhux entitolat għal *leave* jew *sick leave*. Kif ukoll ma jkollux bolla fuq il-paga.

Is-Sur Cefai saqsa lis-Sindku u l-Kunsilliera jaqblux li s-Sur Joseph Azzopardi jinħatar bħala Aġent Seg. Ezekuttiv. Dawn qablu li jinħatar.

Is-Sur Micallef u s-Sindku pproponew li l-għada tal-laqgħa s-Sur Buhagiar jikkontatja lid-Direttur Abela sabiex isaqsi minħabba d-dritt tal-uzu tal-emejl tal-Kunsill, dan għaliex il-kunsilliera u s-Sindku qablu li jekk il-Kunsill jirċievi xi emejl importanti, din għandha tkun mgħoddiha fil-pront lill-Kunsilliera u s-Sindku, kif ukoll qablu li għal emejls oħrajn għandu jkollhom korrispondenza fissa; u anke mistoqsija fuq kif ser jaħdem l-Aġent Seg. Ezekuttiv.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Saviour Borg | Christopher Buhagiar |
| Sindku | Skrivan |